

Brussell, 29 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9507/18

RECH 241
COMPET 384

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	29 ta' Mejju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8940/1/18 REV1 RECH 183 COMPET 310	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar li “Titħaffef iċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien fl-UE”

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar li “Titħaffef iċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien fl-UE”, adottati mill-Kunsill fit-3620 laqgħa tiegħu li saret fid-29 ta' Mejju 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

TITHAFFEJ IĊ-ĊIRKOLAZZJONI TAL-GĦARFIEN FL-UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR:

- li wieħed mill-obiettivi tal-Unjoni hu t-tisħiħ tal-bażijiet tax-xjentifiċi u teknoloġiċi tiegħu billi tinkiseb Żona Ewropea tar-Riċerka fli fiha r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Marzu 2008, li stiednu lill-Istati Membri u lill-UE biex ineħħu l-ostakli għall-moviment liberu tal-għarfien bil-ħolqien tal-"ħames libertà"¹;
- il-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' Mejju 2015 dwar riċerka miftuħa, intensiva fid-data u f'network bħala mutur għal innovazzjoni aktar rapida u mifruxa², fejn jikkunsidra li l-aċċessibbiltà tad-data minn riċerka tista' tkompli żżid l-użu effiċjenti tal-finanzjament pubbliku u jissottolinja li jekk id-data tkun tista' tiġi skoperta, tkun aċċessibbli, tista' tiġi valutata, tista' terġa' tintuża u interoperabbli, dan iżid konsiderevolment il-potenzjal tal-innovazzjoni u jgħid li opportunitajiet ġodda ta' negozju;

¹ 7652/1/08

² 9360/15

- il-Konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Mejju 2016 dwar "It-transizzjoni lejn sistema ta' Xjenza Miftuħa"³ fejn il-Kunsill jirrikonoxxi li ostakli legali, organizzattivi u finanzjarji mhux meħtieġa għall-aċċess għal riżultati ta' riċerka ffinanzjata minn fondi pubbliċi għandhom jitneħħew kemm jista' jkun u sa fejn hu possibbli, sabiex tinkiseb l-aħjar kondivizzjoni tal-għarfien, b'kont meħud meta meħtieġ tal-bżonn li r-riżultati jiġu sfruttati; [...] fejn il-Kunsill jissottolinja li l-prinċipju għall-aħjar użu mill-ġdid ta' data ta' riċerka għandu jkun “miftuħ kemm jista' jkun, magħluq kif meħtieġ”; u fejn l-importanza tal-iżgurar tas-sostenibbiltà fit-tul tal-Infrastrutturi ta' Riċerka tiġi sottolinjata u jintalab pjan ta' azzjoni apposta;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Mejju 2016 dwar il-“PK7 u l-Prospetti Futuri: investimenti tar-Riċerka u l-Innovazzjoni għal tkabbir, impjegi u soluzzjonijiet għall-isfidi soċjali”⁴, li jirrikonoxxu li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jimmiraw għal użu aħjar ta' fondi oħra tal-UE biex jappoġġaw proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) u jipprovdu għall-isfruttar downstream tar-riżultati tar-riċerka għal prodotti, servizzi kummerċjabbli u innovazzjonijiet soċjali;
- il-Konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Mejju 2016 dwar “Regolamentazzjoni Favorevoli għar-Riċerka u l-Innovazzjoni”⁵;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' Novembru 2016 dwar “Miżuri b'appoġġ għar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom, biex tiżdied l-attrazzjoni tal-karrieri xjentifiċi u jitrawwem l-investiment fil-potenzjal uman fir-riċerka u l-iżvilupp”⁶ fejn il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li l-ġenerazzjonijiet il-ġodda ta' riċerkaturi jkunu mgħammra bis-sett rilevanti ta' ħiliet b'enfasi fuq l-użu ta' teknoloġiji diġitali, l-intraprenditorija u t-trasferiment tal-għarfien kif ukoll l-integrità tar-riċerka u x-xjenza miftuħa;

³ 9526/16

⁴ 9527/16

⁵ 9510/16

⁶ 15013/16

- fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2017 “Mill-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020 lejn id-Disa' Programm Qafas”⁷ fejn il-Kunsill jenfasizza l-importanza tat-tixrid u l-isfruttar effettiv tar-risultati tar-riċerka u l-iżvilupp (R&I); jagħraf li l-kompetittività Ewropea tiddependi miċ-ċirkolazzjoni effettiva ta' ideat ġodda u għarfien u jissotolinja l-importanza ta' sinerġiji aħjar bejn is-sorsi differenti ta' finanzjament tal-UE;
- l-Opinjoni tal-KŻER tas-7 ta' Lulju 2017 dwar l-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020 u t-tħejjijiet għall-Programm Qafas (PQ) li jmiss⁸, fejn il-KŻER jirrikonoxxi il-Programmi Qafas bħala li jiġġeneraw firxa wiesgħa ta' impatti, mix-xjenza sas-soċjetà u min-negozju għall-kultura, iżda jikkunsidra wkoll li l-"paradoss tal-produttività"⁹ osservat fl-Ewropa huwa parzjalment minħabba li l-innovazzjoni ma tinxteridx malajr fis-soċjetà;
- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Jannar 2018 dwar “L-Evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020: il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE”¹⁰ li tenfasizza l-ħtieġa li nibnu fuq il-progress li sar fit-termini li l-pubblikazzjonijiet u d-data xjentifiċi ġġenerati minn Orizzont 2020 jkunu aċċessibbli b' mod miftuħ għall-komunità xjentifika usa' u l-pubbliku;
- Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Innovaturi dwar il-ħolqien ta' Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, li jenfasizzaw l-importanza li jkun jista' jsir użu aktar rapidu tal-għarfien;
- il-kontribut tal-Kummissjoni u dak tal-ESFRI (Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka) u partijiet interessati rilevanti oħra għad-dibattitu dwar is-sostenibbiltà fit-tul tal-Infrastrutturi tar-Riċerka u jieħu nota tad-diskussjoni dwar l-azzjonijiet ta' prijarità matul il-Konferenza Ewlenija tal-Presidenza Bulgara “*Infrastrutturi ta' Riċerka wara l-2020 - ekosistema sostenibbli u effettiva għax-xjenza u s-soċjetà*”;

⁷ 15320/17

⁸ KŻER 1207/17

⁹ Kummissjoni Ewropea: *Ir-razzjonal ekonomiku għall-finanzjament pubbliku tar-R&I u l-impatt tiegħu*, 2017

¹⁰ 5271/18

Trasferiment tal-għarfien għall-massimizzazzjoni tal-impatt tal-programmi tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I)

1. JIKKUNSIDRA li l-UE teħtieġ li tagħmel użu sħiħ tal-għarfien xjentifiku u teknoloġiku rilevanti li tipproduċi u tiżgura trasferiment aktar effettiv tar-riżultati ta' proġetti ta' R&I[...] lis-soċjetà u l-industrija sabiex timmassimizza l-impatt tal-investiment fir-R&I u tkompli tamplifika l-valur miżjud tal-Programm Qafas; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-appoġġ għar-riċerka fundamentali u tat-trawwim ta' proġetti kollaborattivi ta' R&I u l-innovazzjoni , partikolarment għall-għoti tal-bażi għal soluzzjonijiet ġodda u t-tisħiħ tas-setgħa innovattiva tal-Ewropa, u tal-innovazzjoni u r-riċerka inkrementali u rivoluzzjonarji, inkluż mill-SMEs;
2. JAPPELLA lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-Programm Qafas li jmiss li jippermetti li jiġi segwit il-progress lejn il-kisba ta' impatt fil-livell tal-programmi fuq medda qasira, medja u twila ta' żmien; JIKKUNSIDRA li l-approċċ għall-faċilitazzjoni tal-impatt u l-innovazzjoni għandu jiġi adattat għall-ispeċifitàjiet ta' kull strument;
3. JIRRIKONOXXI l-importanza kruċjali taċ-ċirkolazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien għal Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni effiċjenti. JENFASIZZA l-importanza tar-riċerka fil-fruntieri mqanqla mill-kurżità għall-iżvilupp ta' xjenza innovattiva u kapital tal-innovazzjoni. JINNOTA r-rwol ċentrali f'dan ir-rigward li jaqdi l-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, li jaġixxi bħala katalist għal tali riċerka u l-kontribut tal-Azzjonijiet ta' Marie Skłodowska-Curie għaċ-ċirkolazzjoni u t-trasferiment ta' għarfien ġewwa l-UE; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tkompli ssaħħaħ dan l-istrument tal-aħħar li jappoġġa l-eċċellenza xjentifika tar-riċerkaturi u ċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien fl-UE;

4. JISTIEDEN lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jeżaminaw u jaqsmu l-aħjar prattiki dwar it-trasferiment tal-għarfien, eż. bl-ottimizzazzjoni tal-aċċess għall-innovaturi u ċittadini għal programmi nazzjonali u reġjonali tar-R&I u bit-trawwim tal-kollaborazzjoni bejn id-dinja akkademika u n-negozji; IFAKKAR li r-rabtiet bejn in-negozji, inklużi l-SMEs , u r-riċerka, huma essenzjali għall-applikazzjoni u d-diffużjoni fis-suq u biex l-għarfien jiġi ttrasformat fi prodotti u servizzi ġodda, u li l-ħolqien, l-espansjoni u l-interkonnnessjoni ta' ċentri ta' riċerka u taħriġ u innovazzjoni fl-UE kollha jistgħu ssaħħu l-ekosistema tal-innovazzjoni; IFAKKAR fil-kontribut ta' teknoloġiji abilitanti ewlenin, inkluż l-ICT, għall-kompetittività industrijali u r-rwol tat-tmexxija tal-UE;
5. JAPPELLA lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-applikazzjoni tal-prinċipji u l-miżuri tar-Rakkomandazzjoni tagħha tal-2008 dwar il-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali f'attivitajiet ta' trasferiment tal-għarfien u l-Kodiċi ta' prattika għall-universitajiet u organizzazzjonijiet ta' riċerka pubbliċi oħra¹¹ u biex flimkien mal-Istati Membri toħloq sensibilizzazzjoni dwar dawk ir-rakkomandazzjonijiet u jekk adatt tipproponi inċentivi għall-applikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni biex tkompli tagħti spinta l-impatt tar-R&I permezz tat-trasferiment tal-għarfien; U JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora soluzzjonijiet ġodda għall-ħolqien ta' networks ta' faċilitajiet ta' dimostrazzjoni u pilotar fl-Ewropa kollha fejn il-kumpaniji, u partikolarment l-SMEs, ikunu jistgħu jippruvaw l-aħħar prodotti intelliġenti u sistemi ta' manifatturar tagħhom, bil-għan ta' mobbilizzazzjoni aktar effettiva tat-teknoloġiji ġodda;
6. Jistieden lill-Kummissjoni, f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-programmi tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE u r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ħiliet ta' Xjenza Miftuħa tesplora l-għażliet għall-Programm Qafas li jmiss biex issaħħaħ l-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi fil-proġetti ffinanzjati mill-UE;

¹¹ http://ec.europa.eu/invest-in-research/pdf/ip_recommendation_en.pdf

7. JISTIEDEN lill-Kummissjoni timmonitora regolarment il-potenzjal tal-innovazzjoni u tippromwovi politiki u għodod għall-użu tar-riżultati tal-proġetti tal-PQ, permezz pereżempju tal-ġbir ta' riżultati komplementari jew ir-Radar tal-Innovazzjoni; u f'dan ir-rigward JAPPELLA lill-Kummissjoni tiżviluppa u timplimenta strateġija għat-tixrid u l-isfruttar biex tkompli żżid id-disponibilità u l-użu tar-riżultati ta' proġetti tar-R&I u taċċellera l-użu potenzjali tagħhom b'attenzjoni partikolari għal klawżoli ta' Aċċess Miftuħ u klawżoli dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fi ftehimiet ta' għotji, biex b'hekk tingħata spinta lill-impatt ġenerali tal-Programmi Qafas;

Trasparenza, tixrid u mobilità tar-riċerkaturi

8. JISSOTTOLINJA li aktar trasparenza u tixrid tar-riżultati tar-riċerka għall-benefiċċju tas-soċjetà u b'hekk użu aħjar tar-riżultati minn riċerkaturi, innovaturi, organizzazzjonijiet u industrija tar-riċerka Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs, flimkien ma' kondizzjonijiet aħjar tal-qafas tar-riċerka u l-innovazzjoni, huma prerekwiżiti għall-għoti ta' spinta lill-kompetittività u l-prosperità Ewropej;
9. JILQA' l-ħidma tal-Kummissjoni biex l-informazzjoni dwar id-data u r-riżultati tal-proġetti tar-R&I jsiru disponibbli għall-pubbliku permezz tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa, id-Dashboard ta' Orizzont 2020, CORDIS u permezz tal-portal uffiċjali tal-Kummissjoni għat-tixrid tar-riżultati u d-data tar-R&I li joriġinaw mill-proġetti ffinanzjati taħt il-Programmi Qafas kollha;

10. JENFASIZZA li l-iżgurar u l-inċentivazzjoni ta' aċċess miftuħ għar-riżultati ta' riċerka ffinanzjata pubblikament, bħall-aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet u d-data tar-riċerka FAIR¹², kif ukoll l-aqwa tixrid u użu tal-għarfien, huma faċilitaturi importanti għaż-żieda tal-kompetittività u t-tkabbir Ewropej; JIRRIKONOXXI r-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ tul il-ħajja, inkluż il-ħolqien ta' aġendi ta' ħiliet immirati speċjalment rigward l-aċċess miftuħ, il-ġestjoni u l-ipproċessar tad-data, u d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. JITLOB lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jippromwovu u jimplimentaw l-iskemi neċessarji ta' taħriġ u inċentivi għall-partekipanti, ir-riċerkaturi u l-innovaturi tal-Programm Qafas biex jagħmlu r-riżultati u d-data tagħhom aċċessibbli għall-użu u l-użu mill-ġdid;
11. JINKORAĠĠIXXI l-ippjanar tal-karrieri għar-riċerkaturi inklu mobilità transnazzjonali u intersettorjali bħala parti mill-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom u bħala wieħed mill-fatturi ewlenin biex ixerrdu l-għarfien tagħhom. JIRRIKONOXXI li x-xjenza miftuħa u l-esplorazzjoni tal-ekosistema tad-data globali jirrikjedu settijiet ġodda ta' ħiliet għar-riċerkaturi u utenti oħra tad-data kif ukoll inċentivi u premji; JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jappoġġaw iċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien permezz tal-implimentazzjoni u aktar tisħiħ tal-mobbilità u taħriġ għar-riċerkaturi filwaqt li jiżguraw monitoraġġ tajjeb, permezz tal-Azzjonijiet ta' Marie Skłodowska-Curie, COST, ERASMUS+ u inizjattivi bħall-EURAXESS, HRS4R u RESAVER;

¹² data FAIR: Findable, Available, Interoperable and Reusable data
http://ec.europa.eu/research/participants/data/ref/h2020/grants_manual/hi/oa_pilot/h2020-hi-oa-data-mgt_en.pdf

Kondizzjonijiet u Sinerġiji Qafas bejn il-programmi tal-UE

12. JENFASIZZA l-importanza li jkun żgurat aċċess miftuħ għar-risultati ta' riċerka sabiex jiġi promoss l-użu tagħhom u l-innovaruri, l-istituzzjonijiet ta' riċerka u l-intrapriżi fl-Istati Membri kollha, jkunu jistgħu jwettqu l-innovazzjonijiet; JISSOTTOLINJA li l-amministrazzjonijiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali jistgħu jaffettwaw b'mod pożittiv l-effett multiplikatur tal-innovazzjoni permezz tat-tisħiħ tas-Suq Uniku u l-katina ta' valur tal-innovazzjoni; Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-pubbliku u l-privat għal kumerċjalizzazzjoni aktar rapida; u l-ħolqien, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' kondizzjonijiet qafas favorevoli għar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż regoli adatti ta' għajjnuna mill-Istat u regolamenti favur l-innovazzjoni, pereżempju permezz ta' ftehimiet ta' innovazzjoni u l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-innovazzjoni;
13. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA li l-ħolqien ta' bilanċ ġust bejn il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u t-tixrid tal-għarfien permezz ta' aċċess miftuħ huwa l-qofol biex tingħata spinta liċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien;
14. ITENNI l-importanza li jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Programmi tal-UE rilevanti oħra bħall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u ERASMUS+. Tali sinerġiji jistgħu jwittu t-triq għall-bini ta' ekonomiji reġjonali reżiljenti, li jiffavorixxu l-integrazzjoni ta' risultati ta' riċerka avvanzati f'attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ u fit-trawwim taċ-ċirkolazzjoni u l-użu tal-għarfien bil-għan finali tal-promozzjoni tal-effetti kollaterali pożittivi fost l-organizzazzjonijiet ta' riċerka, l-universitajiet, l-industriji u s-soċjetajiet fl-Ewropa kollha;

15. JIKKUNSIDRA għalhekk, kif jinsab fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2017¹³, li r-regolamenti għall-PQ u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, kif ukoll kwalunkwe programmi oħra rilevanti tal-UE, iridu jiffasslu mill-bidu nett bil-ħsieb tas-sinerġiji, il-koerenza, il-kompatibbiltà u l-kumplimentarjetà kemm fit-tfassil tal-programmi kif ukoll fil-livelli ta' implimentazzjoni tal-programmi, bil-għan li jkun hemm simplifikazzjoni sinifikanti u aktar faċilità tal-użu għall-benefiċjarji. Dan jista' jtejjeb id-diffużjoni tal-informazzjoni dwar l-appoġġ mis-sorsi kollha tal-finanzjament tal-UE u jsaħħaħ l-impatt tagħha;

Sostenibbiltà fit-tul tal-Infrastrutturi ta' Riċerka

16. JIKKUNSIDRA li l-Infrastrutturi ta' Riċerka jaqdu rwol essenzjali fl-avvanz u ċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien, billi jrawwu eċċellenza xjentifika u jippermettu lir-riċerkaturi jipparteċipaw f'attivitajiet ta' riċerka transkonfinali, u JENFASIZZA l-kontribut tagħhom għall-ġenerazzjoni ta' data ta' kwalità għolja;
17. JIRRIKONOXXI r-rwol pożittiv tal-ESFRI fit-trawwim tal-iżvilupp tal-Infrastrutturi ta' Riċerka l-aktar avvanzati fl-Ewropa u JENFASIZZA l-ħtieġa għal aktar tisħiħ u konsolidazzjoni tax-xenarju ta' Infrastrutturi ta' Riċerka pan-Ewropej bil-ħsieb tas-sostenibbiltà tagħhom fit-tul;
18. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' aktar sforzi fi ħdan il-qafas tal-ESFRI għal teħid ta' deċiżjoni allinjat aħjar għall-istabbiliment u l-parteeipazzjoni fl-Infrastrutturi ta' Riċerka tal-ESFRI b'mod partikolari bl-iskambju ta' esperjenzi dwar proċeduri ta' pjanijiet direzzjonali nazzjonali u l-prattiki tal-linji tal-baġit nazzjonali tagħhom;

¹³ Konklużjonijiet tal-1 ta' Diċembru 2017 "Mill-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020 lejn id-Disa' Programm Qafas" (15320/17).

19. Jenfasizza l-importanza tar-riżorsi umani u l-ħiliet ta' taħriġ bħala fatturi ewlenin fis-suċċess għall-Infrastrutturi ta' Riċerka u JIRRIKONNOXXI l-ħtieġa li l-Infrastrutturi ta' Riċerka jsaħħu approċċ immotivat mis-servizz; JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fi ħdan il-qafas tal-ESFRI jiżviluppaw approċċ komuni għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tagħhom u JISTIEDEN lill-Infrastrutturi ta' Riċerka Pan-Ewropej biex, fuq bażi volontarja, jinkluduh fil-governanza tagħhom u jesploraw alternattivi biex jappoġġaw dan permezz tal-użu tal-Indikaturi Ewlenin ta' Prestazzjoni;
20. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-użu effettiv tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-Infrastrutturi ta' Riċerka Pan-Ewropej bil-ħsieb li jiġu indirazzati l-iżbilanċi tar-R&I fl-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jesploraw użu aktar koerenti ta' dawn il-programmi u l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' R&I transnazzjonali kofinanzjati biex jappoġġaw b'mod partikolari l-bini u l-operazzjoni f'fażi bikrija inkluż l-ikkummissjonar¹⁴ ta' Infrastrutturi Ewropej ta' Riċerka Pan-Ewropej;
21. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw miżuri ġodda biex l-Infrastrutturi Ewropej ta' Riċerka jsiru aktar disponibbli u ta' spiża raġonevo; o, billi jibnu fuq il-Karta Ewropea għall-Aċċess għall-Infrastrutturi ta' Riċerka u b'hekk jiżviluppaw politiki komuni ta' aċċess trasparenti, inklużi għall-finijiet tat-titjib tat-taħriġ u l-ħiliet tar-riċerkaturi u biex jistabbilixxu skemi ta' aċċess transkonfinali, pereċempju abbażi tal-kofinanzjament;

¹⁴ Proċess li bih tagħmir, faċilità, jew impjant (li jiġi installat, jew li jkun tlesta jew kważi tlesta) jiġi ttestjat biex jiġi verifikat jekk jiffunzjonax skont l-oġġettivi jew l-ispeċifikazzjonijiet tat-tfassil tiegħu.